



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0206 (NLE)

10972/1/16
REV 1

WTO 194
SERVICES 19
FDI 15
CDN 11

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta'...

**dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea
tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA)
bejn il-Kanada, minn naħa waħda,
u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 153(2), l-Artikolu 192(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' April 2009, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għal Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv mal-Kanada.
- (2) Dawk in-negozjati tlestew, u l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, (il-'Ftehim') jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għat-twettiq tal-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (3) Skont l-Artikolu 30.6(1) tal-Ftehim, il-Ftehim ma jikkonferixxix drittijiet jew obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qrati jew it-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Ftehim, flimkien mal-Istrument Interpretattiv Konġunt u d-Dikjarazzjonijiet relatati, huma mehmużin ma' din id-Deċiżjoni. *

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

* ĠU: Id-dokument tal-Kunsill ST10973/16, INIT u Addenda 1 sa 15; u d-dokument(i) tal-Kunsill 13541/16 u 13463/1/16 REV 1.